MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-22 ta' April, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1394/2000/1

**RAMEL U ŻRAR LIMITED**

**vs**

**MIXER LIMITED ġja' Planka Limited u Mixer Concrete Works Limited**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-6 ta' Lulju, 2000, li bih il-kumpannija attriċi ippremettiet;

Illi s-soċjetajiet konvenuti jew min minnhom huma debituri versu s-soċjeta attriċi fis-somma ta' sitt elef, seba' mija u tmienja u tmenin lira Maltin u tmienja u sittin ċenteżmu (Lm6,788.68) rappreżentanti din is-somma prezz ta' merċa lilha mibjugħa u kkonsenjata oltre somma ulterjuri ta' disa' mija u sebgħin lira Maltin u wieħed u sebgħin ċenteżmu (Lm970.71) rappreżentanti l-imgħax

kummerċjali relattivi mid-data tal-konsenja, kif jirriżulta mill-anness statement Dok A.

Għalhekk is-soċjeta' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m 'għandhiex:

1. Tikkundanna lis-soċjetajiet konvenuti jew min minnhom tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' sebat elef u seba' mija u disa' u ħamsin lira Maltin u disa' u tletin ċenteżmu (Lm7759.39) fuq imsemmija.

Bl-ispejjeż u l-imgħax u l-konvenut inġunt in subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija attriċi, flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

Rat in-Nota mressqa fl-1 ta' Settembru, 2000, li biha l-kumpannija mħarrka Mixer Concrete Works Limited eċċepiet;

1. Preliminarjament illi l-ammont pretiż, jew parti minnu, mhux dovut stante illi t-talba attriċi hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2149(a) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjeta' eċċipjenti mhix il-leġittima kontradittriċi għall-pretensjonijiet attriċi stante illi, kif anke jidher mill-prospett ippreżentat mis-soċjeta' attriċi (Dok. A), xi allegati pendenzi jirrisalu saħansitra għal qabel ma ġiet reġistrata s-soċjeta' eċċipjenti;

3. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-prospett anness maċ-ċitazzjoni attriċi u li jinsab immarkat bħala Dok. A huwa manifestament erroneu, kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, u s-soċjeta' eċċipjenti hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi komplessivament fis-somma ta' elf mitejn u erbgħa u sebgħin lira u disa' ċenteżmi (Lm1274.09c);

4. Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, t-talba attriċi hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-partijiet mill-bidu ftehmu li kull somma li tista', minn żmien għal żmien, tkun dovuta għandha titħallas permezz ta' tpaċija mal-prezz ta' prodotti li jridu jittieħdu mingħand is-soċjeta' eċċipjenti, liema prodotti s-soċjeta' attriċi naqset li tieħu;

5. Salv eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imsemmija kumpannija mħarrka;

Rat in-Nota mressqa fl-1 ta' Settembru, 2000, li biha l-kumpannija mħarrka Mixer Limited eċċepiet;

1. Preliminarjament illi t-talba attriċi hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jew alternattivament a tenur ta' l-artikolu 2149(a) ta' l-istess Kap. 16;

2. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, in kwantu jirrigwarda allegati pendenzi ta' wara l-1991, is-soċjeta' eċċipjenti mhix il-leġittima kontradittriċi għall-pretensjonijiet attriċi stante illi wara l-1991 hi ma xtrat u ma rċeviet xejn mingħand is-soċjeta' attriċi;

3. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt u s-soċjeta' eċċipjenti mhix debitriċi tas-soċjeta' attriċi stante illi, sa fejn jirriżulta lis-soċjeta' eċċipjenti, kull pendenza kienet ġiet saldata bi tpartit ta' prodotti u konsegwenti tpaċija;

4. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imsemmija kumpannija mħarrka;

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Ottubru, 2000[1], li bih tat lill-kumpannija attriċi żmien sabiex tressaq provi dwar l-

[1] Paġġ. 17-8 tal-proċess

eċċezzjonijiet preliminari tal-kumpannija Mixer Concrete Works Limited dwar il-preskrizzjoni;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet bil-meżż tal-affidavit u permeżż ta' provi dokumentali oħrajn, dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Rat in-Nota mressqa mill-kumpannija attriċi fil-11 ta' Jannar, 2002[2], li biha iddikjarat li ma kienx fadlilha provi oħrajn xi tressaq dwar l-eċċezzjonijiet preliminari;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partrijiet dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' materjal mibjugħ u konsenjat mill-kumpannija attriċi. Il-kumpannija attriċi tgħid li, għal medda ta' snin, kienet ikkonsenjat dak il-materjal liż-żewġ kumpanniji mħarrkin u ma kinitx tħallset l-ammont mitlub bħala bilanċ;

Illi għal din l-azzjoni, l-kumpannija mħarrka Mixer Concrete Works Limited laqgħet billi qalet li t-talba attriċi waqgħet għaliex il-kumpannija attriċi għalqilha ż-żmien li fih setgħet titlob il-ħlas. Laqgħet ukoll billi qalet li ma messhiex tiġi mħarrka, għaliex biċċa sewwa mill-ammont mitlub mill-kumpannija attriċi jmur lura saħansitra għal żmien ta' qabel ma kienet ġiet reġistrata. Qalet li, għalkemm hija taf lill-kumpannija ammont ta' Lm 1274.09, kien hemm ftehim li l-kumpannija attriċi tpaċi dak l-ammont billi tieħu xogħol u materjal mingħandha;

[2] Paġ. 116 tal-proċess

Illi, min-naħa l-oħra, il-kumpannija l-oħra mħarrka Mixer Limited laqgħet billi wkoll qanqlet il-kwestjoni li l-kumpannija attriċi naqset li tressaq it-talba tagħha fi żmien utli, u li dwar hija ma kellha x'taqsam xejn ma' xi konsenji li setgħu saru mill-kumpannija attriċi wara l-1991, billi wara dik is-sena ma xtrat xejn iżjed mingħandha. Laqgħet ukoll billi qalet li ma kien għad fadal l-ebda pendenza bejnha u l-kumpannija attriċi għaliex kienet saldat kollox bi tpartit ta' materjal;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni;

Illi, filwaqt li l-kumpannija mħarrka Mixer Limited tindika żewġ żminijiet ta' preskrizzjoni li fuqhom isserraħ l-eċċezzjoni tagħha[3] (wieħed ta' sentejn u l-ieħor ta' ħames snin), il-kumpannija l-oħra toqgħod biss fuq żmien wieħed[4] (wieħed ta' sentejn);

Illi l-Qorti tibda biex tgħid li l-azzjoni attriċi, għalkemm issemmi ammont wieħed bħala dovut lilha, tagħraf ukoll fl-istess waqt li dak l-ammont jista' ma jkunx dovut kollu mill-istess kumpannija mħarrka, jew saħansitra mit-tnejn flimkien. Huwa evidenti wkoll[5] li l-ammont mitlub fl-Att taċ-Ċitazzjoni jirreferi għal bilanċ li jinfirex fuq medda ta' ftit aktar minn disa' (9) snin. Matul din il-medda ta' żmien, u dejjem mill-provi mressqa mill-kumpannija attriċi[6], joħroġ ukoll li bejn l-1991 u l-1995 ma saru l-ebda konsenji tal-materjal (jew għall-anqas m'huwiex qiegħed jintalab ħlas għalih f'din il-kawża). Ma ġie wkoll bl-ebda mod kontrastat li l-kumpannija mħarrka Mixer Concrete Works Limited ma kinitx għadha teżisti qabel l-1995;

Illi dwar dawn il-fatti, l-abbli difensur tal-kumpanniji mħarrkin niseġ l-argument li

Illi, madankollu, fil-fehma tal-Qorti, jeżistu żewġ ċirkostanzi oħrajn ta' siwi kbir għas-soluzzjoni tas-siwi tal-

---

[3] Artt. 2149(a) u 2156 tal-Kap 16
[4] Art 2149(a) tal-Kap 16
[5] Ara Dok "A", f'paġ. 5 tal-proċess
[6] Affidavit ta' Gaetano Abdilla, Dok "RŻ1", f'paġ 21, u Affidavit ta' Joseph Abdilla Dok "RŻ2", f'paġ. 40 tal-proċess

eċċezzjoni taħt eżami, liema ċirkostanzi joħorġu sewwa mill-atti tal-kawża nfushom;

Illi l-ewwel waħda tirreferi għall-kumpannija mħarrka Mixer Concrete Works Limited, li, fit-tielet (3$^{et}$) eċċezzjoni tagħha tgħid li "l-ammont imsemmi fil-prospett ġjiġifieri dak mehmuż mal-Att taċ-Ċitazzjoniħ huwa manifestament erroneu" u wkoll li "s-soċjeta' eċċipjenti hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi komplessivament fis-somma ta' elf mitejn u erbgħa u sebgħin lira u disa' ċenteżmi". Fil-fehma tal-Qorti, din l-eċċezzjoni ġġib fix-xejn l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għaliex għal kollox inkompatibbli magħha. Dik it-tielet eċċezzjoni ma tistax titfisser ħaġ'oħra għajr għarfien tad-dejn pretiż, ukoll jekk mhux tad-dejn pretiż kollu, u wkoll jekk l-eċċezzjoni tressqet bla ħsara għall-eċċezzjonijiet preliminari. L-għarfien tad-dejn huwa wieħed mill-fatturi li jikser iż-żmien tal-preskrizzjoni[7];

Illi huwa aċċettat li l-għarfien jista' jkun kemm miftuħ u kif ukoll preżunt jew indirett, u lanqas huwa meħtieġ li tali għarfien ikun dwar il-kwantita' jew il-kreditu kollu pretiż mill-kreditur, peress li dak l-għarfien jista' wkoll jirrigwarda kreditu li għadu mhux likwidu[8]. Għalhekk, meta d-debitur ma jiċħadx id-dejn imma jikkontesta l-ammont tiegħu, ikun qiegħed jinterrompi u bla ma jrid iżomm iż-żmien preskrittiv li jkun beda jgħaddi, u dan jgħodd ukoll jekk tali għarfien isir wara li jkun għadda ż-żmien tal-preskrizzjoni[9];

Illi, għalhekk, ladarba l-imsemmi għarfien seħħ sewwasew fl-atti ta' din il-kawża, m'huwiex meħtieġ li l-Qorti tgħaddi biex tqis jekk l-ittri uffiċjali li bagħtet il-kumpannija attriċi qabel ma fetħet din il-kawża kinux ukoll żammew iż-żmien preskrittiv milli jibqa' għaddej kontra tagħha;

Illi t-tieni ċirkostanza tirreferi għall-kumpannija l-oħra mħarrka, jiġifieri Mixer Limited. Mill-atti tal-kawża joħroġ li, din il-kumpannija (permezz ta' rappreżentant tagħha, Emanuel *sive* Wally Gaffarena), kienet għaddiet *cheque*

---

[7] Art 2133 tal-Kap 16

[8] P.A. **5.6.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Brincat et*** (Kollez. Vol: **XLIII.ii.744**)

[9] P.A. PS **24.3.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Tabone vs Vassallo pro et*** u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmijin fir-rigward

pagabbli lill-kumpannija attriċi[10]. Dan iċ-*cheque* inħareġ minn Planka Limited (l-isem li l-kumpannija Mixer Limited kellha qabel l-1995), u ma kellux data fuqu. Dan ifisser ukoll li kien "dokument miftuħ" li tħalla fl-għażla tal-kumpannija attriċi kreditriċi (dejjem, kif ingħad, fuq talba speċifika ta' min ħareġ iċ-*cheque*) meta tressqu għall-ħlas;

Illi kif xehed Sebastian Dalli[11] f'isem l-istess kumpannija, sal-1995 ma kellux x'jaqsam mal-istess kumpannija: qablu kien hemm diretturi oħrajn. Jidher li ċ-*cheque* iġorr il-firma ta' Wally Gaffarena u ġie ppreżentat lill-bank għall-ħlas fl-1995. L-istess xhud Dalli jindika li minħabba l-firma li hemm fuqu u minħabba li, wara l-1995, kien il-persuna waħdanija li kellu s-setgħa li joħroġ ċekkijiet f'isem il-kumpannija, tabilfors li l-imsemmi *cheque* inħareġ qabel l-1995. Fis-sewwa dan m'huwiex lanqas kontestat mill-kumpannija attriċi. Iżda jidher li sa dak inhar li l-istess *cheque* ġie ppreżentat lill-bank mill-kumpannija attriċi biex jissarraf, il-kumpannija mħarrka ma kienet għamlet xejn biex twaqqaf dik il-preżentata jew biex tavża li kienet riedet "*stop payment*" tiegħu. Min-notamenti li hemm fuq l-istess *cheque* joħroġ li r-raġuni li għaliha ċ-*cheque* imsemmi ma ssarrafx kien minħabba nuqqas ta' fondi fil-kont tal-kumpannija mħarrka;

Illi din iċ-ċirkostanza twassal għall-konklużjoni li hawn ukoll isseħħ interruzzjoni taż-żmien preskrittiv, għall-kuntrarju tas-sottomissjoni magħmula mill-abbli difensur tal-kumpannija mħarrka fis-sens li *cheque* mhux onorat m'huwiex element effikaċi għall-ksur tal-preskrizzjoni. Għaliex il-ħruġ ta' *cheque* jissarraf f'għarfien ċar, espliċitu u inkondizzjonat tad-debitu kapaċi li jwaqqaf iż-żmien tal-preskrizzjoni. Bil-fatt tal-ħruġ ta' *cheque* (ukoll jekk mhux għall-ammont tal-kreditu kollu pretiż), isseħħ dikjarazzjoni bħal dik maħsuba fl-artikolu 2151(2) tal-Kodiċi Ċivili, u r-raġuni li għaliha dak iċ-*cheque* seta' ma ssarrafx ma tnaqqas xejn mill-effett ta' stqarrija bħal din[12]. Dan iwassal ukoll għall-effett li stqarrija ta' din l-għamla tnissel żmien preskrittiv ta' ħames snin;

---

[10] Dok "GA1", f'paġ. 24 tal-proċess
[11] Affidavit tiegħu 10.4.2001, f'paġġ. 49 sa 50 tal-proċess
[12] Ara P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Camilleri noe vs Anthony Scicluna pro et noe***

Illi minn dawn il-kostatazzjonijiet, il-Qorti għalhekk issib li ż-żmien preskrittiv ta' sentejn indikat mill-kumpannija mħarrka Mixer limited ma japplikax għall-każ. Dwar jekk japplikax iż-żmien preskrittiv ta' ħames snin minnha invokat, il-Qorti tibda biex tgħid li ma setgħux possibbilment għaddew iżjed minn ħames snin bejn l-aħħar konsenja li l-kumpannija attriċi kienet wettqet fl-1991 u meta ippreżentat iċ-*cheque* lill-bank għat-tisrif (li jidher ukoll li ġie ippreżentat għat-tisrif darba waħda biss). Lanqas ma għaddew ħames snin bejn meta l-istess *cheque* ġie riferut mill-bank saż-żmien meta nfetħet il-kawża. Minbarra hekk, minn dak iż-żmien li ħareġ li ċ-*cheque* ma setax jissarraf għax ma kienx hemm fondi fil-kont tal-kumpannija mħarrka, il-kumpannija attriċi kienet ressqet atti ġudizzjarji f'għamla ta' ittra uffiċjali[13] kontra l-istess kumpannija mħarrka sewwasew dwar l-import tal-imsemmi *cheque*;

Illi minħabba f'dawn iċ-ċirkostanzi, għalhekk, lanqas iż-żmien preskrittiv ta' ħames snin invokat mill-kumpannija mħarrka ma jista' jitqies mistħoqq u pruvat;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni ta' kull waħda miż-żewġ kumpanniji mħarrkin** u tiddikjara li l-kumpannija attriċi bdiet il-kawża fi żmien tajjeb u utli għaliha;

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża kompli bil-ġbir tal-provi fil-mertu; u

**Tikkundanna** lill-kumpanniji mħarrkin iħallsu flimkien l-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni.

**Moqrija**

[13] Dok "GA2", datat 17.6.1997, f'paġġ. 26-7 tal-proċess

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------